MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2007

Numru 747/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**SPETTUR CARMELO MAGRI**

**KONTRA**

**GAETANO ATTARD**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Gaetano Attard ta’ 51 sena, bin Paul u Guza nee’ Mizzi, imwieled Tal-Pieta’, nhar it-8 ta’ Jannar, 1956, residenti gewwa l-fond numru 24, Triq Titu Bradsma, Fgura, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 88156M;

Akkuzat talli:

1. Nhar id-19 ta’ Awwissu, 2007 ghall-habta tas-sebgha ta’ fil-ghaxija (19:00), flimkien ma’

persuna ohra, ikkommetta serq minn gewwa l-fabbrika S M Cables sitwata f'Bulebel Industrial Estate, Zejtun, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin (Lm1,000.00) u bil-hin, u liema serq sar ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi tal-istess kumpanija;

2. U aktar talli nhar is-26 ta' Awwissu, 2007 ghall-habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija (19:00hrs), flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq minn gewwa l-fabbrika S M Cables, sitwata f'Bulebel Industrial Estate, Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-hin, u liema serq sar ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi tal-istess kumpanija;

3. U aktar talli nhar it-28 ta' Awwissu, 2007 ghal-habta tas-sebgha ta' fil-ghaxija (19:15hrs), flimkien ma' persuna ohra, ikkommetta serq minn gewwa l-fabbrika S M Cables, sitwata f'Bulebel Industrial Estate, Zejtun, liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-hin, u liema serq sar ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi tal-istess kumpanija;

4. Talli nhar l-1 ta' Settembru, 2007 ghall-habta tad-disgha neqsin kwart ta' fil-ghaxija (20:45hrs), flimkien ma' persuna ohra, bil-hsieb il jaghmel delitt u cioe' serq minn gewwa l-fabbrika S M Cables, sitwata f'Bulebel Industrial Estate, Zejtun, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-hin;

5. U kif ukoll talli fl-istess dati, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' hsara gewwa l-fabbrika S M Cables sitwata f'Bulebel Industrial Estate, Zejtun, liema hsara hija ta' aktar minn Lm50.00 (hamsin lira maltin), ghad-dannu tas-sidien u d-diretturi tal-istess kumpanija.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 279, 280, 41, 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Gaetano Attard hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija, sospizi ghal erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Inoltre, din il-Qorti tordna lill-istess imputat ihallas is-somma ta' Lm3,200.00 (tliet elef u mitejn lira maltin) bhala danni sofferti mill-kumpanija S M Cables fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------